

Brussell, 14 ta' April 2023
(OR. en)

8304/23
ADD 1

POLCOM 64
SERVICES 12
COASI 77
TELECOM 100
DATAPROTECT 99

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 230 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tar-Rakkomnadazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal dixxiplini ta' kummerċ diġitali mar-Repubblika tal-Korea u ma' Singapore

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 230 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2023) 230 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.4.2023
COM(2023) 230 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Rakkomnadazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal dixxiplini ta' kummerċ diġitali mar-Repubblika
tal-Korea u ma' Singapore**

{SWD(2023) 85 final}

ADDENDUM

DIRETTIVI GĦAN-NEGOZJAR TA' DIXXIPLINI KUMMERĊJALI DIĠITALI MAR-REPUBBLIKA TAL-KOREA U MA' SINGAPORE

1. NATURA U AMBITU TAD-DISPOŻIZZJONIJIET

- (1) In-negozjati għandhom l-għan li jistabbilixxu dixxiplini dwar il-kummerċ ta' oġġetti u servizzi abilitati b'mezzi elettroniċi ("kummerċ diġitali") bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-UE, u bejn Singapore u l-UE. Jenħtieġ li tali dixxiplini jiffaċilitaw ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea, u bejn l-Unjoni Ewropea u Singapore. Dawn ir-relazzjonijiet diġà ġew imsaħħa u liberalizzati mill-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles konklużi bejn l-UE u ż-żewġ pajjiżi. Jenħtieġ li d-dixxiplini jkunu konsistenti mar-regoli stabbiliti f'dawn il-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles u jibnu fuq il-livell għoli ta' konverġenza dwar kwistjonijiet ta' kummerċ diġitali riflessi fil-Prinċipji tal-Kummerċ Diġitali ffirmati bejn l-UE u r-Repubblika tal-Korea f'Novembru 2022 u bejn l-UE u Singapore f'Jannar 2023. Dawn il-Prinċipji huma r-riżultati ewlenin tas-Sħubijiet Diġitali li l-UE kkonkludiet maż-żewġ pajjiżi.
- (2) In-negozjati għandhom l-għan li jsaħħu l-kummerċ diġitali globali, jiffaċilitaw l-operazzjonijiet kummerċjali, fosthom l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, isaħħu l-fiduċja tal-konsumaturi fl-ambjent *online* u jgħallqu opportunitajiet ġodda għall-promozzjoni tat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp.
- (3) In-negozjati għandhom ukoll l-għan li jappoġġaw swieq diġitali miftuħa li huma kompetittivi, trasparenti, ġusti u ħielsa minn ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ u għall-investment internazzjonali.
- (4) Jenħtieġ li d-dixxiplini jibnu fuq ir-regoli u l-obbligi eżistenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Jenħtieġ li fejn possibbli u rilevanti dawn iqisu u jibnu fuq in-negozjati reċenti u li għaddejjin bħalissa dwar il-kummerċ u l-investment fil-livell bilaterali u multilaterali.
- (5) Fin-negozjati, l-Unjoni se tippromwovi d-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali kif ipproklamaw il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea fil-15 ta' Diċembru 2022.

2. KONTENUT PROPOST TAR-REGOLI U L-IMPENJI

- (1) Jenħtieġ li n-negozjati jżviluppaw dixxiplini dwar aspetti tal-kummerċ diġitali. Dawn jenħtieġ li jkollhom l-għan li jtejbju l-kundizzjonijiet għall-kummerċ diġitali għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi fl-Unjoni Ewropea, u li jżidu l-parteċipazzjoni tal-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fil-ktajjen tal-valur globali.
- (2) Jenħtieġ li n-negozjatijitmexxew b'mod miftuħ. Għalhekk, dawn jistgħu jkopru kwalunkwe aspett tal-kummerċ diġitali li jintlaħaq qbil dwaru mill-partijiet fin-negozjati.
- (3) Filwaqt li jirrikonoxxu n-natura trażversali tal-kummerċ diġitali, in-negozjati jistgħu jkopru kwistjonijiet bħal dawn li ġejjin:

- (a) il-faċilitazzjoni tat-tranżazzjonijiet elettroniċi (pereż. firem elettroniċi, awtentikazzjoni elektronika);
 - (b) id-dazji doganali fuq it-trażmissjonijiet elettroniċi u l-kontenut trażmess;
 - (c) il-fiduċja tal-konsumaturi (pereż. il-protezzjoni tal-konsumatur *online*, il-komunikazzjonijiet elettroniċi mhux mitluba);
 - (d) il-flussi transfruntiera ta' *data* b'fiduċja, ir-rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* personali;
 - (e) il-fiduċja tan-negozji (pereż. il-protezzjoni tal-kodiċi tas-sors tal-kompjuter, it-trasferiment furzat tat-teknoloġija);
 - (f) l-aċċess imtejjeb għall-kummerċ elettroniku (pereż. aċċess għall-internet, il-kontenut online u *data* tal-gvern jew ir-responsabbiltà tal-intermedjarji online u l-aċċess għall-istess intermedjarji);
 - (g) il-miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ rilevanti għall-kummerċ elettroniku (pereż. il-kummerċ mingħajr karti, il-fatturat elettroniku), b'kunsiderazzjoni xierqa tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ;
 - (h) l-aspetti relatati mal-kummerċ elettroniku ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali, inklużi sigriet kummerċjali;
 - (i) it-trasparenza; kif ukoll
 - (j) il-kooperazzjoni (pereż. bejn il-partijiet fin-negozjati, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur).
- (4) Jenħtieġ li kull regola jew impenn maqbula mill-Unjoni Ewropea jkunu konformi mal-qafas legali tal-UE u jenħtieġ li jkunu jippreservaw l-awtonomija regolatorja meħtieġ għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-politiki dwar id-*data* u l-politiki diġitali tal-UE.
- (5) B'mod partikolari, l-Unjoni Ewropea ma għandhiex taqbel dwar dixxiplini jew impenji li jistgħu jaffettwaw il-qafas legali tagħha dwar iċ-ċibersigurtà, b'mod partikolari fuq livell komuni għoli ta' sigurtà ta' networks u sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea.
- (6) Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni dejjem tiżdied fil-kummerċ u l-importanza tat-trasferimenti internazzjonali tal-flussi tad-*data* għall-kummerċ u l-investiment transfruntier, l-approċċ tal-Unjoni Ewropea f'dawn in-negozjati jrid ikun koerenti mal-approċċ segwit f'dan ir-rigward f'negozjati konklużi u, meta rilevanti u kif xieraq, f'negozjati reċenti u attwali għal ftehimiet kummerċjali u ta' investiment bilaterali u multilaterali. B'mod partikolari, jenħtieġ li n-negozjati jirriżultaw f'regoli li jkopru l-flussi transfruntiera tad-*data* li jindirizzaw rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni tad-*data* mhux ġustifikati, filwaqt li la jinnegozjaw u lanqas jaffettwaw ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u jenħtieġ li, b'mod partikolari, ikunu konformi mal-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u dik mhux personali.
- (7) L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għandhom iżommu l-possibbiltà li jippreżervaw u jiżviluppaw il-kapaċità tagħhom li jiddefinixxu u jimplimentaw politiki kulturali u awdjoviżivi bil-għan li jħarsu d-diversità kulturali tagħhom. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex taqbel dwar regoli jew impenji għal servizzi awdjoviżivi. L-Unjoni Ewropea ma għandhiex tieħu impenji dwar servizzi mogħtija jew attivitajiet imwettqa fl-eżerċitar ta' awtorità governattiva.

- (8) Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea ma għandhiex taqbel dwar dixxiplini jew impenji li jistgħu jaffettwaw il-qafas legali tagħha dwar il-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali.
- (9) Jenħtieġ li r-regoli u l-impenji ma jostakolawx lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri tagħha u lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali milli jirregolaw l-attività ekonomika fl-interess pubbliku, biex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-politika pubblika bħall-ħarsien u l-promozzjoni tas-saħħa pubblika, is-servizzi soċjali, l-educazzjoni pubblika, is-sikurezza, l-ambjent, il-moralità pubblika, il-protezzjoni soċjali jew tal-konsumatur, il-garanzija tal-integrità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja tal-Unjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* personali u l-promozzjoni u l-protezzjoni tad-diversità kulturali. Jenħtieġ li l-kwalità għolja tas-servizzi pubbliċi fl-Unjoni Ewropea tiġi ppreżervata f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari, skont il-Protokoll Nru 26 dwar is-Servizzi ta' Interess Ġenerali, u jenħtieġ li jitqiesu d-dubji tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, inkluż skont il-GATS.